

31982L0890

31.12.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 378/45

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Diċembru 1982

li temenda d-Direttivi dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-tip ta' approvazzjoni ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u l-forestrija ⁽³⁾, kif emendat bid-Direttiva 79/694/KEE ⁽⁴⁾, jillimita l-ambitu ta' l-imsemmija Direttiva għal tratturi mgħammra b'tyres pnevmatiċi u li jkollhom żewġ fusien u b'disinn għal veloċità massima ta' bejn is-6 u l-25 km/siegħa;

Billi l-istess Direttiva tipprovdi li, fejn meħtieġ, tratturi ta' disinn għal veloċità massima li teċċedi l-25 km/siegħa għandhom ikunu suġġetti għall-ħtiġiet speċjali; billi dawg it-tratturi jiffurmaw parti mill-flotta ta' tratturi manifatturata u użata fil-Komunità u joffru vantaġġi fir-rigward ta' l-effiċjenza ta' l-azjendi agrikoli;

Billi żieda ta' 20 % fil-veloċità massima skond id-disinn, li s'issa kienet preskritta, hija raġonevoli meta wieħed iqis is-sigurezza fit-triq u s-sigurezza tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fir-raba';

Billi l-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jirrestrinġu l-veloċità li biha trattur jista' jnsaq fit-triq billi jiġu imposti limiti fuq il-veloċità;

Billi, barra minn hekk, tratturi li jkollhom aktar minn żewġ fusien jistgħu jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dawg li jkollhom żewġ fusien biss, u għalhekk jistgħu jsiru suġġetti għall-istess dispożizzjonijiet;

Billi mhuwiex għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli speċifiċi maħsuba fil-qafas tad-Direttiva 74/150/KEE; billi huwa biżżejjed li l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jitwessa', flimkien ma' dak tad-Direttivi speċifiċi li jkun fihom definizzjoni espressa ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni dwar tratturi li fihom aktar minn żewġ fusien u tratturi li jkollhom veloċità massima skond id-disinn ta' bejn il-25 u t-30 km/siegħa,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. L-Artikolu 1(2) tad-Direttivi 74/150/KEE, 74/151/KEE ⁽⁵⁾, 74/152/KEE ⁽⁶⁾, 74/346/KEE ⁽⁷⁾, 74/347/KEE ⁽⁸⁾, 75/321/KEE ⁽⁹⁾, 75/322/KEE ⁽¹⁰⁾, 76/432/KEE ⁽¹¹⁾, 77/311/KEE ⁽¹²⁾, 77/537/KEE ⁽¹³⁾, 78/933/KEE ⁽¹⁴⁾, 79/532/KEE ⁽¹⁵⁾, 79/533/KEE ⁽¹⁶⁾, u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 78/764/KEE ⁽¹⁷⁾ għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal tratturi definiti fil-paragrafu 1 li jkunu ffittjati b'tyres pnevmatiċi u li jkollhom żewġ fusien u veloċità massima skond id-disinn ta' bejn is-6 u t-30 km/siegħa."

2. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 80/720/KEE ⁽¹⁸⁾ għandu jinbidel b'dan li ġej:

⁽⁵⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 25.

⁽⁶⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 191, tal-15.7.1974, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 191, tal-15.7.1974, p. 5.

⁽⁹⁾ ĠU L 147, tad-9.6.1975, p. 24.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 147, tad-9.6.1975, p. 28.

⁽¹¹⁾ ĠU L 122, tat-8.5.1976, p. 1.

⁽¹²⁾ ĠU L 105, tat-28.4.1977, p. 1.

⁽¹³⁾ ĠU L 220, tad-29.8.1977, p. 38.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 325, ta' l-20.11.1978, p. 16.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 145, tat-13.6.1979, p. 16.

⁽¹⁶⁾ ĠU L 145, tat-13.6.1979, p. 20.

⁽¹⁷⁾ ĠU L 255, tat-18.9.1978, p. 11.

⁽¹⁸⁾ ĠU L 194, tat-28.7.1980, p. 1.

⁽¹⁾ ĠU C 182, 19.7.1982, p. 112.

⁽²⁾ ĠU C 77, tad-29.3.1982, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 205, tat-13.8.1979, p. 17.

“2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal tratturi definiti fil-paragrafu 1 li jkunu ffittjati b'tyres pnevmatiċi u li jkollhom talanqas żewġ fusien u veloċità massima skond id-disinn ta' bejn is-6 u t-30 km/siegħa u wisa' ta' *drive-axle track* fiss jew varjabbli ta' 1 150 mm jew aktar.”

3. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 76/763/KEE ⁽¹⁾ għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal tratturi definiti fil-paragrafu 1 li jkunu ffittjati b'tyres pnevmatiċi u li jkollhom talanqas żewġ fusien u veloċità massima skond id-disinn ta' bejn is-6 u t-30 km/siegħa u wisa' tal-karreġġata fissa ta' 1 250 mm jew aktar.”

4. Il-punt 1.5 ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 74/152/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

“1.5. Biex jitqiesu diversi żbalji inevitabbli minħabba, b'mod partikolari, it-teknika tal-kejl u ż-żieda fil-veloċità li taħdem biha l-magna b'tagħbija parzjali, riżultat ta' 10 % oġhla mill-valur ta' 30 km/siegħa għandu jkun aċċettabbli għall-approvazzjoni tat-tip.”

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam korpert minn din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

H. CHRISTOPHERSEN

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 135.